# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**Imhallef:**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D**

**Illum, sbatax (17) ta' Gunju, 2002.**

**Citaz. Nru. 766/94 VDG**

**Josette Fardell**

**v.**

**Raymond Galea**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-2 ta' Gunju, 1994 li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Settembru, 1986 u llum jinsabu separati legalment in forza ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Anthony Abela tal-10 ta' Awissu, 1992 (Dok. A);

Illi dana z-zwieg huwa null a tenur tas-subartikoli (d), (e) u (f) tal-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg [**recte:** a tenur tal-paragrafi (d), (e) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Att dwar iz-Zwieg] kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat bejn l-attrici u l-konvenut fl-20 ta' Settembru, 1986 huwa null u bla effett;

Premess dan, l-attrici talbet lill-konvenut jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara w tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Settembru, 1986 huwa null u bla effett, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici (fol. 3);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, minnu ppresentata fit-30 ta' Awissu, 1994, li tghid hekk:

"Illi l-eccipjent ma jopponix ruhhu ghad-dikjarazzjoni tal-annullament [taz-zwieg] celebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Settembru, 1984[1] purche` din issir ghal tortijiet u ragunijiet imputabbli solament u interament lill-istess attrici, kif minnha ammess fid-dikjarazzjoni minnha guramentata annessa mac-citazzjoni;

"Illi b'referenza ghat-tieni parti tat-talba attrici, iridu jigu kjarifikati *"dawk il-provvedimenti l-ohra kollha skond il-ligi"*;

"Illi l-kap ta' l-ispejjez ghandu jigi unikament u interament sopportat mill-attrici stante li ma gie addebitat l-ebda nuqqas fil-konfront tal-eccipjent mill-attrici, oltre l-fatt li l-istess attrici assumiet kwalunkwe responsabbilita` ghar-ragunijiet rikjesti ghad-dikjarazzjoni tal-annullament taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti;

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut a fol. 12 u 14 tal-atti;

Rat id-digriet tat-3 ta' Ottubru, 1994 li permezz tieghu din il-Qorti nnominat lill-Avukata Dott. Ena Cremona u lill-Psikjatra Dott. John Mifsud bhala periti biex jirrelataw dwar it-talba attrici u l-eccezzonijiet tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit psikjatra, minnu ppresentat u mahluf fl-10 ta' Jannar, 2002; rat ukoll id-deposizzjonijiet moghtija quddiem il-perit l-iehor, cioe` quddiem l-Avukata Dott. Ena Cremona; rat l-atti kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

1. Il-partijiet izzewgu fl-20 ta' Settembru, 1986. L-attrici kellha tarbija <u>minn ragel iehor</u> wara xi sentejn u erba' xhur ta' zwieg. Hi ghall-ewwel lil zewgha qaltlu li t-tarbija kienet tieghu – ghalkemm il-konvenut jidher li mill-ewwel kien xettiku hafna peress li kien jaf li hu u hija qatt ma kellhom rapport sesswali komplut – izda f'Marzu tal-1992 hija ammettiet li t-tifla kienet gejja minn relazzjoni li hija kellha ma' haddiehor. In segwitu l-partijiet isseparaw b'kuntratt datat 10 ta' Awissu, 1992 (Dok. A, fol. 5 tal-atti).

2. L-abbili perit psikjatra ikkonkluda li fil-mument taz-zwieg l-attrici kienet tbati minn "sexual aversion disorder" tat-tip "situational", fis-sens illi l-kundizzjoni ma kienitx generalizzata izda kienet biss fil-konfront ta' persuna jew certi persuni, f'dan il-kaz fil-konfront tar-ragel taghha (l-konvenut).

3. Din il-Qorti, ghal ragunijiet ovvji, ser tikkoncentra fuq it-tieni parti tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, u cioe` fuq dik il-kawza ta' nullita` taz-zwieg prevista mill-legislatur li tikkonsisti f'vizzju tal-

[1] Is-sena indikata hi evidentement zbaljata u ghandha tkun "1986" kif jirrisulta mill-Att ta' Zwieg Dok. X, ezibit a fol. 9).

kunsens minhabba *"…anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."* Kif inhu risaput dana l-vizzju tal-kunsens matrimonjali huwa simili hafna – wiehed jista' jghid li fis-sustanza huwa identiku – ghal dak kontemplat fit-tielet inciz tal-Kanone 1095 (tal-Kodici tad-Dritt Kanoniku tal-1983): *"Sunt incapaces matrimonii contahendi…qui ob causas naturae psychicae obligationes matrimonii essentiales assumere non valent."* [2]

4. Din il-Qorti taccetta l-konkluzzjoni tal-imsemmi perit psikjatra. Dak li, pero`, trid tiddeciedi din il-Qorti huwa jekk, fil-kaz konkret, din l-anomalija psikosesswali (li hija forma ta' anomalija rikonoxxuta anke fil-kamp psikjatriku) kienitx ta' intensita` tali li kienet tammonta ghal inkapacita` li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u mhux semplici diffikulta` (ara ***Samuela Lea Pavia v. John Pavia***, Prim Awla, 20/5/1996). Fi kliem il-gurista Castano:

> **Se vogliamo elencare, benche` sommariamente, le "cause di natura psichica" che possono influire nell'incapacita` che stiamo esaminando, il discorso entrerebbe nel campo complesso della medicina legale. Percio` e` proprio di questa scienza, sia a livello *dottrinale* sia a livello *periziale*, determinare la causa in concreto per aiutare l'amministrazione della giustizia, e in speciale: a) per individuare la causa concreta di natura psichica; b) per precisare dal punto di vista della dottrina e della perizia se la causa ha influito in maniera tale da rendere incapace il soggetto ad "assumere gli obblighi essenziali del matrimonio". Abbiamo detto "dal punto di vista della dottrina e della perizia", perche` sara` compito del tribunale competente valutare, confrontare, giudicare sia l'insegnamento dottrinale sia il risultato delle perizie, per applicare al caso concreto la norma che stiamo commentando. Il giudice e` sempre *peritus peritorum*. Noi pero` crediamo che si possano offrire come esempio alcune "cause" che, in qualche modo, entrano nella categoria di "cause di natura psichica" e che comunque sono di massima attualita`. Eccole: omosessualita`, transessualismo, altre anomalie sessuali o psico-sessuali, narcisismo, alcoolismo, noncuranza o negligenza strafottente ("menefreghismo") per quanto riguarda la comparte, introversione fino alla incomunicazione con l'altra parte e quindi, incapacita` di "comunione interpersonale", ecc.**[3]

5. Mill-kumpless tal-provi jidher li l-attrici kellha problema serja hafna li minhabba fiha hi ma setghet b'ebda mod tistabilixxi dik ir-relazzjoni interpersonali ma' zwegha li hi essenzjali ghall-komunjoni ta' hajja li hi z-zwieg. Fi kliem l-attrici stess:

---

[2] "The following are incapable of contracting marriage…those who, because of causes of a psychological nature, are unable to assume the essential obligations of marriage" – ***Code of Canon Law Annotated***, Caparros E. *et al.* eds., Wilson & Lafleur (Montreal), 1993.

[3] Castano, J. F. ***Il Sagramento del Matrimonio*** seconda edizione, Roma, 1992, pp. 322-323.

> Wara r-riceviment [tat-tieg], morna d-dar taz-zwieg. Ahna u sejrin lejn id-dar fil-karozza, jien ghidt lili nnifsi "Marelli x'ghamilt". Dan ghaliex issa bdejt nirrealizza li wasal il-mument li naghmel l-att sesswali mieghu [il-konvenut]. Meta resaq lejja biex nikkunsmaw iz-zwieg, ma rnexxilniex naghmlu dan, ghaliex jien bdejt nimbuttah, ghaliex ma kellix il-hajra, kont nibza' li ser iweggani, u anke n-nifs tieghu kien idejjaqni. Domna sejrin hekk xi sena. Hu kien jipprova, u jien ma kontx inkompli mieghu ghaliex ma kontx irrid, imma fl-istess hin kont qed nibda nahseb li m'inhix normali. Hu kien ighidli "Qisek statwa" u kont nghidlu "Jien minni hekk".[4]

Pero` xi sitt xhur wara li zzewgu, huma marru hadu parir minghand tabib. Oltre l-parir mediku, dan tahom xi "jelly" bhala lubrifikant,

> "…u b'din irnexxilna naghmlu l-att sesswali izda jien l-istess bqajt inhossni bla sensazzjoni. Ghalkemm konna naghmlu l-affarijiet taz-zwieg, jien kont inkompli mhux ghax imhajjra imma ghax kont inhoss li dan obbligu tal-mizzewgin.
>
> "Sadanittant, konna qed nahdmu l-"Footwear Limited"; meta nispicca mix-xoghol, jien kont immur ghand ommi u nghaddi zmien twil kemm jista' jkun hemmhekk, biex nevita li nkun mar-ragel. Meta kont nasal id-dar konna niggieldu ghax domt ghand ommi".[5]

F'Settembru tal-1987 l-attrici u zewgha marru jahdmu f'fabbrika ohra, u kien hawn li l-attrici ltaqghet mar-ragel li in segwitu kellha t-tarbija minnu.

> "Kuntrarjament ghall-mod li kien ihossni mar-ragel, ma' dan Mario kien ikolli hajra u gratifikazzjoni sesswali immedjata u kompleta. Pero` hu kien qalli: "Lanqas qisek mizzewga, qisek ghadek xebba". Sadanittant bqajt xorta naghmel l-affarijiet taz-zwieg mar-ragel, izda l-istess kont naghmel dan bhala dover, izda issa rrealizzajt li jien kont normali. Wara erba' xhur li kont nohrog ma' Mario hrigt tqila bit-tarbija tieghu. Meta rrealizzajt li kont tqila, ghidt kemm lil Raymond u lil Mario. Raymond staghgeb billi l-att sesswali taghna kien ikun interrott, billi ahna ma konniex irridu tfal ghall-ewwel; hu ghaliex forsi xtaq li jien inkompli nahdem ftit iehor, u jien ghaliex ma ridx ikolli tfal jixbhuh. Barra minn hekk jien kont inkun iddisgustata mill-hsieb li jkolli l-isperma tieghu go fija".[6] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ir-ragel li bdiet tiffrekwenta u li minnu kellha tarbija, Mario A., jghid hekk:

> "Wara bdiet tibki u qaltli li lil zewgha ma thobbux, u li l-att sesswali qatt ma sar sewwa bejniethom. Ghidtilha li pero` ghandha tipprova. Qaltli li kienu marru ghand tabib u rrakkomandalhom juzaw xi *jelly*, u li hi kienet tahseb li ghandha xi haga hazina fiha. Jien ghidtilha: "Dan x'tabib hu? Int normalissima, m'ghandekx bzonn minn dawn l-

---

[4] Deposizzjoni tat-2 ta' Mejju, 1995.
[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*

affarijiet." Jien nghid li hi bdiet tibki ghal tahlita ta' ragunijiet: bil-ferh ghax sabet li ma hix anormali, u bid-dispjacir li ma rrenexxewx l-affarijiet ma' zewgha. Il-mod kif giebet ruhha waqt l-att sesswali ma tanix ideja li kellha esperjenza sesswali. Hadt impressjoni li hi lanqas ma jimpurtaha fuq iz-zwieg taghha, ghalkemm jien kont nghidilha li jien ma jien xejn ahjar minn zewgha…Wara xi granet [li kienet harget tqila] qaltli li qalet lil zewgha li hi tqila, u hu qalilha: "Kif jista' jkun, jekk ahna ma kellniex x'naqsmu ma' xulxin?" Sadattant hi baqghet tohrog mieghi, u baqghet id-dar mieghu. Irrid inzid li kienet qaltli wkoll, li wara li harget tqila, kellha xi forma ta' relazzjoni sesswali mar-ragel."[7] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-Sinjura Lina Thake, li kienet tat parir lill-partijiet fuq talba taghhom – u li f'dan il-process xehdet bil-permess u l-kunsens taz-zewg partijiet – qalet hekk:

"Jien kont staqsejta allura jekk dan [il-konvenut] kien bniedem *"loveable"*, bhalma kien missierha, ghaliex wara z-zwieg sabitha inkapaci li jkollha sess mieghu u hi wegbitni illi titqazzez l-isperma tieghu – bla ma tat ebda spjegazzjoni. Jien ghaddieli minn mohhi li dan seta' kien ghaliex hu tant kien ifakkarha f'missierha li kwazi kienet thoss li jekk ikollha sess mieghu tkun qed taghmel incest.

"Jien kont issuggerejt li jekk binhar ikunu f'relazzjonijiet tajba, forsi bil-lejl aktar ikun facli s-sess, izda hi qaltli: "Kieku kelli naghzel, ahjar immur il-habs milli jkolli s-sess mieghu".

"Fl-istess *session* qaltli li tixtieq li Raymond jiltaqa' ma' xi hadd iehor li jsir ihobb, ghaliex hu bniedem li jixraqlu mhabba. Cirka xi tmien seduta[8], meta, ghalkemm kienet ghadha zzomm kuntatt ma' Mario bit-telefon, ma kienitx qed tiltaqa' mieghu, qaltli li saru xi suggerimenti minn naha ta' zewgha li jkollha sess mieghu filwaqt li tahseb fl-iehor, izda hi xorta ma rieditx…F'seduta ohra meta kienet qed titkellem dwar ir-relazzjoni taghha ma' Mario l-attrici qaltli li qabel ma ltaqghet mieghu, "…kont inqis is-sess moqziez, imma mieghu indunajt kemm hu sabih". U regghet tenniet kemm thobb lil Raymond b'imhabba fraterna, u kieku tixtieq li jibqa' ma' xi hadd iehor u jkun kuntent. Qaltli wkoll: "Meta konna gharajjes, kont sirt inhobbu b'mohhi, mhux b'qalbi. Kont narah bil-ghaqal, tal-galbu, u kont nammirah imma qatt ma kont inhobbu b'qalbi"".[9] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu[10] jikkonferma tista' tghid dak kollu li ddepona haddiehor fir-rigward tal-problema ta' relazzjonijiet sesswali li kien hemm bejnu u bejn martu sa mill-ewwel gurnata taz-zwieg, u li fil-fatt kienu ilhom mizzewgin xi sitt xhur qabel l-att sar ghall-ewwel darba. Hu fisser li, pero`, anke wara dawn is-sitt xhur l-attrici kienet bhal speci dejjem taharbu,

---

[7] Deposizzjoni tad-29 ta' Mejju, 1995.
[8] i.e. *session* ma' l-istess *marriage counsellor*.
[9] Deposizzjoni tas-27 ta' Gunju, 1995.
[10] 12 ta' Dicembru, 1995.

billi anke tidhol torqod f'hinijiet differenti milli kien jidhol hu. Dwar meta qaltlu li kienet tqila, il-konvenut jghid hekk:

> "Ghall-ewwel skantajt, ghaliex ir-relazzjonijiet ta' bejnietna sesswali kienu jkunu *coitus interruptus* ghaliex il-mara hekk tkun tixtieq fir-rari okkazzjonijiet meta naghmlu l-att ta' zwieg, u ghidtilha: "B'dik id-darba?" Hi qaltli: "Bilfors hux". U allura jien imbghad fraht. U Josette ukoll, quddiemi, ma baqghetx bil-geddum, u bdiet taghmel il-preparazzjonijiet ghat-tarbija. Sadanittant, matul ix-xhur tat-tqala, ir-relazzjonijiet sesswali taghna baqghu hziena. Matul id-disa' xhur tat-tqala jien bqajt nghin lil Josette kif kont naghmel qabel – jigifieri rigward tindif tad-dar.
>
> "Twieldet it-tifla, u kulhadd ferah. Ir-relazzjonijiet sesswali bejnietna baqghu bhal qabel: qabel kien hemm l-iskuza li kienet tkun ghajjiena, issa kellha l-iskuza tat-tifla."[11]

6. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn, ***Anthony Gaffiero v. Juanita Gaffiero nee' Sultana*** Prim Awla, 17/11/2000, u s-sentenzi hemm citati), inerenti fl-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love"* , f'liema komunjoni s-sesswalita` ghadha rwol importanti. Jekk parti fiz-zwieg, minhabba xi anomalija psikologika serja, ma tkunx tista' taghti (mhux semplicement "ma taghtix") lilha nnifisha fit-totalita` taghha lill-parti l-ohra b'mod permanenti, kontinwu u esklussiv, allura, jekk tali anomalija tkun tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ikun hemm id-difett tal-kunsens ravvizat fit-tieni parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Fi kliem il-gurista Bersini:

> **Vi sono in effetti delle persone le quali per gravi perturbazioni del substrato psico-fisiologico sono incapaci di stabilire quella relazione interpersonale – in quanto comporta la mutua donazione di due persone – perpetua, esclusiva e intima, che e` richiesta dalla comunione di vita coniugale, necessaria per il raggiungimento, in modo veramente umano, della finalita` propria del matromonio, senza la quale la societa` coniugale non puo` esistere.**[12]

Kif diga nghad, il-provi juru li s-"sexual aversion disorder" tal-attrici, li kienet tissussisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kienet ta' intensita` tali li minhabba fiha l-attrici ma' setghetx tistabilixxi r-relazzjoni interpersonali mal-konvenut li hi mehtiega ghaz-zwieg, ghalkemm setghet tistabilixxi (kif fil-fatt jirrisulta li stabbilit) relazzjoni interpersonali ma haddiehor. Il-fatt li dan setghet taghmlu ma' haddiehor, ghalkemm naturalment ghandu jiftah ghajnejn il-gudikant biex jassigura ruhhu li dan ma kienx semplicement kaz ta' kapricc ta'

[11] Deposizzjoni tas-6 ta' Gunju, 1996.
[12] Bersini, F. ***Il Diritto Canonico Matrimoniale*** Elle Di Ci (Torino), 1994, p. 99.

dak li jkun, ma jfissirx necessarjament li ma jkunx hemm id-difett ravvizat mill-legislatur, kemm dak civili kif ukoll dak kanoniku:

> **La *incapacitas* di cui al 3 numero [del Canone 1095] non e` necessario che sia assoluta, puo` essere anche relativa al coniuge che si sposa purche` dipenda da una causa di natura psichica antecedente al matrimonio. Dico "relativa", perche` la stessa persona, pur con le stesse anomalie psichiche, con un altro partner puo` intessere una comunione di vita ideale.**[13]

7. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ppruvat, sal-grad rikjest fil-kamp civili, il-kaz taghha fuq il-bazi tat-tieni parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba attrici u konsegwentement tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Settembru, 1986 (Att ta' Zwieg 1676/1986) null u bla effett ghall-finijiet u effetti tal-ligi civili u fis-sens tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

[13] Bersini, F. *op. cit.*, p. 101.